# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2019

## It-Tieni Sessjoni

## Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

## Il-Ħin: 30 minuta

Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI

NOTA:

L-iskript kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat.

Jinqara BISS mill-inviġilatur f'każ li r-rekording ma jaħdimx.

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**
**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**
**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**
**Issa nitolbok tiftaħ il-karta li għandek quddiemek u ssib paġna tnejn.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

*-------------- Waqfa ta' 30 sekonda ---------------*

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**L-Ewwel Silta: Mawra fuq il-Vapur t'Għawdex**

Martina u Jacob iħobbu jqattgħu xi jum jew tnejn mill-vaganzi tas-sajf f'Għawdex. L-aħħar darba li marru, qagħdu attenti ħafna għall-istruzzjonijiet li ngħataw fuq il-vapur t'Għawdex, sabiex il-vjaġġ ikun wieħed sikur. Hekk kif telgħu fuq il-vapur u poġġew bilqiegħda fil-kafetterija, semgħu b'attenzjoni l-messaġġ dwar is-sigurtà:

- Merħba fuq il-vapur t'Għawdex. Aħna dejjem infittxu li l-passiġġieri tagħna jivvjaġġaw b'mod komdu, u naraw li kulħadd iħossu sikur f'kull ħin tal-vjaġġ.
- F'każ rari ta' emerġenza, tindaqq il-qanpiena tal-alarm. Meta tismagħha, segwi t-tabelli li jwassluk għal post apposta fejn jinġabru n-nies.
- Hemmhekk sib l-assistenza tal-membri tal-ekwipaġġ libsin ġakketta safra tixgħel.
- Waqt l-evakwazzjoni, uża t-taraġ. Tużax il-lift għax dan jista' jkun perikoluż.
- Il-membri tal-ekwipaġġ jagħtuk ġakketta tas-salvataġġ. Din ilbisha minn rasek, għaddi ċ-ċinturin tagħha minn wara dahrek, imbagħad aqflu billi tissikka l-bokkla minn quddiem.
- Il-ġakketta tas-salvataġġ għandha magħha bozza u suffara biex bihom tkun tista' tiġbed l-attenzjoni f'każ ta' bżonn.
- F'każ li jkollna nabbandunaw il-vapur, żomm il-kalma u segwi l-istruzzjonijiet tal-membri tal-ekwipaġġ.
- Meta l-kaptan jagħti l-ordni biex jiġi abbandunat il-vapur, tiġi ggwidat għall-evakwazzjoni li ssir permezz ta' żrieżaq apposta.
- Qabel tinżel iż-żurżieqa, neħħi ż-żarbun biex ma ssirx ħsara liż-żurżieqa.

- Wara, il-membri tal-ekwipaġġ jiggwidawk għal fuq ċattra tas-salvataġġ. Malli jintlaħaq in-numru massimu ta' passiġġieri fuq iċ-ċattra, din tinġibed lejn post sikur bid-dgħajsa tas-salvataġġ sakemm tasal l-għajnuna fuq il-post.
- Waqt il-vjaġġ mhuwiex permess li l-passiġġieri jibqgħu fil-garaxx tal-vapur.
- Grazzi tal-attenzjoni u talli għażilt li tivvjaġġa magħna. Nittamaw li l-vjaġġ ikun pjaċevoli.

Hekk kif intemm il-messaġġ, Martina u Jacob iddeċidew li joħorġu sa barra biex igawdu l-veduta li jaf joffri l-fliegu bejn Malta u Għawdex.

## Tmiem l-ewwel silta

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:**

Fil-vaganzi tas-sajf, Martina u Jacob iħobbu jmorru

a) Kemmuna.

<u>**b) Għawdex.**</u>

ċ) Sqallija.

It-tweġiba t-tajba hija **(b) Għawdex.** Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Il-messaġġ dwar is-sigurtà jgħin lill-passiġġieri biex

a) isibu post komdu.

b) iħossuhom preparati għal dak li jista' jinqala'.

ċ) jgħaddu ftit ħin sa ma jitlaq il-vapur.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Jekk tindaqq il-qanpiena tal-alarm, il-passiġġieri għandhom imorru fil-post indikat billi

a) jsegwu l-istruzzjonijiet tal-kaptan.

b) jfittxu s-sinjali mwaħħlin fuq il-vapur.

ċ) jwaqqfu u jistaqsu xi membru tal-ekwipaġġ.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru erbgħa:**

F'każ ta' emerġenza, il-membri tal-ekwipaġġ

a) huma preparati sew biex jaġixxu.

b) jistgħu jużaw il-lift.

ċ) ikunu lebsin ġakketta ħadra tixgħel.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru ħamsa:**

L-evakwazzjoni ssir billi l-passiġġieri

a) jinżlu minn żurżieqa u jitilgħu fuq dgħajsa li tinġibed b'ċattra tas-salvataġġ.

b) jitilgħu fuq iċ-ċattra tas-salvataġġ u mbagħad ineħħu ż-żarbun.

ċ) jneħħu ż-żarbun u jinżlu minn żurżieqa għal fuq iċ-ċattra tas-salvataġġ.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru sitta:**

Iċ-ċattra tas-salvataġġ

a) iddeffes kemm tista' nies.

b) iġġorr l-ewwel lin-nisa u lit-tfal.

ċ) ma titlaqx qabel timtela nies b'kemm suppost.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Imla l-vojt fit-tabella biex turi kif għandek tilbes il-ġakketta tas-salvataġġ. Wara kompli imla n-numri biex turi l-ordni tal-istruzzjonijiet.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

Ittra a:

Il-ġakketta tas-salvataġġ tingħatalek mill-**membri** tal-ekwipaġġ.

It-tweġiba nieqsa hija **membri**. Għalhekk ktibt **membri** fil-linja l-vojta.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' timla l-vojt fejn meħtieġ.**

**Ittra b:**

Ilbisha minn rasek.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Ittra ċ:**

Aqflu billi tissikka ______________ minn quddiem.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Ittra d:**

Għaddi ċ-ċinturin tagħha minn wara dahrek.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Ittra e:**

Ara li għandha magħha bozza u suffara.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Ittra f:**

Użahom biss f'każ li jkollok bżonn tiġbed l-____________.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

Issa li għamilt is-sentenzi kollha, poġġi dawn l-istruzzjonijiet f'ordni. Tlieta huma lesti.

L-ewwel istruzzjoni trid tiġi:

**Il-ġakketta tas-salvataġġ tingħatalek mill-membri tal-ekwipaġġ.**

Għalhekk ktibt numru wieħed ħdejha.

Kompli agħmel l-ordni tal-bqija tal-istruzzjonijiet.

*--------------- Waqfa ta' 15-il sekonda ---------------*

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

*------------- Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet -------------*

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġni erbgħa u ħamsa.**

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

*--------------- Waqfa ta' 50 sekonda ---------------*

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**It-Tieni Silta – L-Ewwel Għajnuna**

**Claire**: Meta nisma' b'xi diżastru jew inċident li jkun seħħ, niksaħ. Bejni u bejn ruħi, nistaqsi lili nnifsi: kieku x'nista' nagħmel jien biex ngħin, jekk dan kellu jseħħ viċin tiegħi?

B'dan il-ħsieb, illum għandi miegħi lil John Aquilina, membru tas-Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar jew kif magħrufa internazzjonalment ir-Red Cross.

Grazzi, John talli lqajt l-istedina tiegħi...

**John**: L-għodwa t-tajba, Claire. Qed nieħu gost li qed niltaqa' miegħek biex nitkellmu fuq suġġett tassew għal qalbi!

**Claire**: Kif oriġinat is-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar?

**John**: Fl-1859 kien hemm raġel Żvizzeru jismu Henry Dunant li ma felaħx jara t-tbatija fil-gwerer. Għalhekk ġietu f'rasu li jħarreġ lin-nisa tal-villaġġi fis-servizz bażiku tal-Ewwel Għajnuna, magħruf ukoll bħala First Aid. Hekk twieldet is-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar.

**Claire**: Tassew interessanti! Din is-soċjetà hi mifruxa f'ħafna pajjiżi, fosthom f'Malta ... illum il-ġurnata x'inhu l-iskop ewlieni tas-Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar?

**John**: Wieħed mill-għanijiet prinċipali tas-soċjetà tagħna hu li nħarrġu kemm jista' jkun nies mill-pubbliku fil-First Aid. Hekk iktar nies ikunu jafu x'għandhom jagħmlu f'każijiet ta' emerġenza.

**Claire**: Ġieli tiġu msejħa biex tgħinu f'inċidenti kbar bħal meta tagħmel xita qawwija?

**John**: Dażgur ... Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jkollu bżonn l-għajnuna jekk jinqala' xi diżastru fil-pajjiż. L-ebda pajjiż ma jista' jserraħ biss fuq

il-professjonisti f'każijiet ta' inċidenti kbar ħafna. Il-voluntiera tagħna jistgħu jgħinu ħafna biex il-pajjiż ikun jista' jirreaġixxi malajr kemm jista' jkun.

**Claire**: Fiex jikkonsisti t-taħriġ tal-Ewwel Għajnuna?

**John**: It-taħriġ fil-First Aid mhux biss sempliċiment kif tinfaxxa, imma jkopri l-elementi bażiċi ta' x'wieħed għandu jagħmel f'każ ta' emerġenza. Kultant anke naqra ta' telefonata taf issalva ħajja ta' bniedem.  Hawn nies illi f'każijiet bħal dawn jinfixlu u lanqas ikunu kapaċi jgħaddu t-tagħrif neċessarju! Ikun hemm min jippanikkja, jgħidlek nofs kliem u jaqta' l-linja.

Meta wieħed isib ruħu quddiem inċident huwa importanti ħafna li jieqaf jaħseb għal ftit sekondi u mbagħad jaġixxi. Kultant meta wieħed jgħaġġel iżżejjed, jaf jissogra li jweġġa' hu wkoll. Dan żgur li mhux l-iskop tagħna.

Pereżempju, jekk qed tara bniedem qed jegħreq, għandek tkun taf kif tgħinu minnufih.  F'ċertu każijiet, sakemm tmur iċċempel in-numru tal-emerġenza 112, jista' jkun tard wisq. Għalhekk it-taħriġ fil-First Aid huwa tant essenzjali.

**Claire**: Xi jfisser għalik is-sehem tiegħek fir-Red Cross?

**John**: Permezz tal-volontarjat, inħossni persuna aħjar. Sewwa jgħidu, li meta tagħti, is-sodisfazzjon huwa ħafna akbar minn meta tirċievi. Tħoss ċertu kuntentizza li ma ġġibhiex mod ieħor. L-għajnuna f'waqtha tiswa mitqlu deheb u xi drabi saħansitra ssalva l-ħajja ta' bniedem.

**Claire**: Hekk hu! Kemm hu sabiħ, hux, meta ssalva ħajja ta' bniedem! Grazzi ħafna talli qsamt magħna dan kollu. Jalla aktar nies jitħajru jingħaqdu magħkom f'din il-missjoni hekk sabiħa!

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.  L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

John Aquilina hu membru tas-Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar.

Din tiġi **VERU**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **VERU.**

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Is-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar twieldet meta raġel Żvediż ġietu ħniena mill-midruba waqt il-gwerer.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Illum hawn aktar minn 180 pajjiż li huma membri tar-Red Cross u dawn iħaddmu 80 miljun voluntier.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

L-iskop ewlieni tas-Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar hu li tħarreġ nies biex isiru tobba.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-membri ta' din is-soċjetà jaħdmu bla ħlas.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

F'każ ta' xi diżastru kbir fil-pajjiż, il-membri tar-Red Cross jistgħu jkunu determinanti biex tingħata għajnuna immedjata.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

L-oriġini tas-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar tmur lura għall-

a) 1959.

b) 1860.

ċ) 1859.

It-tweġiba t-tajba hija **ċ) 1859**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Min jitħarreġ fil-First Aid jitgħallem

a) kif jinfaxxa biss.

b) x'għandu jagħmel f'każ ta' emerġenza.

ċ) jistenna bis-sabar l-għajnuna tal-professjonisti.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

F'każ ta' emerġenza, wieħed m'għandux

a) iżomm kalm.

b) jinfixel minħabba l-paniku.

ċ) jaħseb sew x'għandu jagħmel.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Meta wieħed iċempel in-numru tal-emerġenza 112 għandu

a) jkun ċar fi kliemu.

b) jaqta' l-linja qabel il-waqt.

ċ) jaħtaf il-kliem biex ma jaħlix ħin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Fis-silta jingħad 'L-għajnuna f'waqtha tiswa mitqlu deheb'. L-espressjoni 'tiswa mitqlu deheb' tfisser li

a) min jgħin jitħallas bid-deheb.

b) l-għajnuna għandha siwi imprezzabbli.

ċ) l-għajnuna hi tqila daqs it-toqol tad-deheb.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Permezz tal-esperjenza ta' John, nindunaw li min jgħin lil ħaddieħor iħossu

a) għajjien mejjet.

b) hieni u sodisfatt.

ċ) minfuħ bih innifsu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

--------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

--------------- *Waqfa ta' minuta* ---------------

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!**